KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.10.2007
KUMM(2007) 615 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rata standard ta' dazju ilhom ma jinbidlu mill-1997. Minn dak iż-żmien ir-rati tat-Tariffa Doganali Komuni (TDK) għal oġġetti normalment importati minn vjaġġaturi fil-bagalji personali tagħhom jew mibgħuta f'konsenji żgħar lil individwi privati tnaqqsu b'madwar 20%. Huwa għalhekk xieraq li r-rata standard ta' dazju applikata f'dawn l-okkażjonijiet titnaqqas b'1% sa 2.5% sabiex tippermetti li persuni privati jibbenefikaw minn dawn it-tnaqqisiet. Barra minn hekk, meta tqis l-iżvilupp ta' l-inflazzjoni tal-prezzijiet kemm fi u barra mill-Komunità għal prodotti normalment importati f'dawn l-okkażjonijiet u minħabba l-għadd akbar ta' vjaġġaturi u konsenji privati, huwa xieraq li jiġi adattat limitu massimu li japplika għar-rata standard ta' dazju ta' EUR 700 sabiex jiffaċilita l-approvazzjoni doganali f'dawn is-sitwazzjonijiet.

- **Il-kuntest ġenerali**

Ir-reviżjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet trid issir fil-kuntest tar-reviżjonijiet ta' l-eżenzjoni minn dazju u taxxa fuq oġġetti importati fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi. Barra minn hekk, trid titqies bħala miżura li tiffaċilita l-approvazzjoni doganali ta' konsenji żgħar mibgħuta mill-privat għal privat għal għanijiet mhux kummerċjali.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

L-emenda proposta hija konformi ma' l-għanijiet tal-Kummissjoni rigward faċilitazzjoni ta' kummerċ u simplifikazzjoni ta' kontrolli doganali.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

Ġew ikkonsultati bil-miktub il-membri tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali – Leġislazzjoni Ġenerali.

Sinteżi tat-tweġibiet u kif tqiesu

Il-membri tal-Kumitat ma qajmux oġġezzjonijiet

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

L-oqsma ta' għarfien xjentifiku/espert involuti

Mhux applikabbli

Il-metodoloġija użata

Mhux applikabbli

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Mhux applikabbli

Sinteżi tal-pariri miksuba u użati

Mhux applikabbli

Il-mezzi użati biex l-għarfien espert isir disponibbli pubblikament

Mhux applikabbli

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Il-miżura proposta għandha tnaqqas sinifikament il-ħtieġa li oġġetti li ġew importati minn persuni privati li qed jivvjaġġaw fil-Komunità jew li nbagħtu f'konsenji żgħar minn individwi privati f'pajjiż terz lil persuni privati fil-Komunità għal għanijiet mhux kummerċjali jiġu kklassifikati. Billi l-persuna li tiddikjara dawn l-oġġetti lid-dwana hija normalment obbligata li tikklassifika l-oġġetti importati skond id-dispożizzjonijiet tat-TDK u billi din il-klassifkazzjoni għandha tkun ikkontrollata mill-awtoritajiet tad-dwana, l-eliminazzjoni ta' din il-ħidma għal kważi l-każijiet involuti kollha, għandha tissimplifika b'mod sinifikanti u tħaffef il-proċess amministrattiv tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-oġġetti u b'hekk tagħmel l-approvazzjoni doganali aktar effiċjenti.

3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

- **Bażi ġuridika**

Art. 26

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Mhux applikabbli

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Strumenti proposti: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adattati għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 26 tat-Trattat tal-KE d-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni għandhom jkunu stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

4) IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Dazji doganali mhux ikkontrollati ta' ammont stmat għal € 7.5 miljun.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi wkoll għas-simplifikazzjoni ta' l-approvazzjoni doganali ta' oġġetti importati f'ċirkustanzi speċjali elenkati fir-Regolament.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) It-taqsima II D tad-dispożizzjonijiet preliminari tan-nomenklatura magħquda stipulati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni[2] tipprovdi għal rata standard ta' dazju doganali li jrid jitħallas ta' rata fissa ta' 3.5% *ad valorem* fuq oġġetti mibgħuta f'konsenji żgħar lil individwi privati jew li jinstabu f'bagalji privati ta' vjaġġaturi, sakemm dawn l-importazzjonijiet ma humiex ta' natura kummerċjali u l-valur totali tagħhom ma jaċċedix EUR 350 kull konsenja jew kull vjaġġatur.

(2) Ir-rata fissa ta' 3.5% *ad valorem* u l-limitu massimu ta' EUR 350 ġew stipulati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/97 tat-12 ta' Mejju 1997 **li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet preliminari tan-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika[3].** Dawn id-dispożizzjonijiet ma ġewx aġġustati minn dak inhar.

(3) Mill-1997 ir-rati tad-dazji doganali għal oġġetti normalment imporatati minn vjaġġaturi fil-bagalji personali tagħhom jew mibgħuta f'konsenji żgħar lil individwi privati tnaqsu b'madwar 20%. Huwa għalhekk xieraq li r-rata standard titnaqqas b'1% għal 2.5%. Din ir-rata għandha tapplika biss għal oġġetti importati li r-rata ta' Tariffa Doganali Komuni tagħhom ma hiex "eżentata".

(4) Barra minn hekk, meta tqis l-iżvilupp ta' l-inflazzjoni tal-prezzijiet kemm fi u barra mill-Komunità għal prodotti normalment importati f'dawn l-okkażjonijiet u minħabba l-għadd akbar ta' vjaġġaturi u konsenji privati, huwa xieraq li jiġi adattat limitu

---

1 ĠU C [...], [...], p. [...].

2 ĠU L 256, 7.9.1987, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 580/2007 (ĠU L 137; 30.5.2007, p.1).

3 ĠU L 124, 16.5.1997, p.1.

massimu ta’ EUR 700 sabiex jiffaċilita l-approvazzjoni doganali f'dawn is-sitwazzjonijiet.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I, il-Parti 1 tat-Taqsima II tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif ġej:

1) Il-Punt D.1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Id-dazju doganali għandu jitħallas bir-rata fissa ta’ 2.5% *ad valorem* fuq oġġetti li jinstabu f’konsenji mibgħuta minn individwi, wieħed għall-ieħor, jew li jinstabu f'bagalji personali ta' vjaġġaturi, sakemm dawn l-importazjonijiet ma humiex ta' natura kummerċjali.

Din ir-rata fissa ta’ 2.5 % dazju doganali għandha tapplika, sakemm il-valur intrinsiku ta’ l-oġġetti soġġetti għal dazji ta’ importazzjoni ma jaqbiżx EUR 700 għal kull konsenja jew għal kull vjaġġatur.

Din il-valutazzjoni b'rata fissa ma għandhiex tapplika għal oġġetti li għalihom ir-rata tad-dazju fl-iskeda ta' dazji doganali hija "eżentata" u għal oġġetti tal-Kapitolu 24 li jinstabu f'konsenja jew f'bagalji personali tal-passiġġieri f'ammonti li jaċċedu dawk stipulati fl-Artikolu 31 jew fl-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83[4]"

2) Fil-punt D.3. “L-Artikoli 29 sa 31 u 45 sa 49 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83.” għandha tinbidel bi “L-Artikoli 29 sa 31 u 45 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83.”

3) Fil-punt D.4. "€ 350" għandha tinbidel bi "EUR 700".

4) Fil-punt D.5. "€ 350" għandha tinbidel bi "EUR 700".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

[4] ĠU L 105, 23.4.1983, p.1

Magħmul fi Brussell, [...]

Ghall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT RISTRETT GĦAN-NAĦA TAD-DĦUL

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

2. LINJI TAL-BAĠIT:

Kapitolu u Artikolu: Kap. 12 art. 120

It-telf għas-snin li ġejjin imsemmija fil-kolonna "perjodu ta' validità" ser ikun ikkalkolat separatament mir-regolamenti li ġejjin.

Ammont allokat għas-sena finanzjarja 2008: € 16 431 900 000

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(€ miljuni espressi sa ċifra deċimali waħda)

Linja tal-baġit	Dħul[5]	perjodu ta' 12-il xahar, b'bidu mill-jj/xx/ssss	[Sena 2008]
Artikolu 120	*Impatt fuq ir-riżorsi proprji*	01/01/2008	- 7.5

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

5. RIMARKI OĦRA

Spiża stmata ta' din l-operazzjoni

[5] F'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali) jeħtieġ li l-ammonti indikati jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25% ta' l-ispejjeż tal-ġbir.

Ma hemm ebda prova disponibbli dwar il-valur ta’ oġġetti importati soġġetti għar-rata standard ta’ dazju. Għall-kalkolu ta’ stima ta’ telf ta’ dħul kien għalhekk assumat li madwar **10 miljun dikjarazzjoni ta’ importazzjoni** ta’ **valur ta’ madwar € 100** għandhom ikunu **soġġetti għar-rata standard ta’ dazju**. Dan għandu jwassal għal telf ta’ dħul ta’ **€100 * 10 miljun = € 1,000 miljun * 1.0 % = €10.0 miljun – 25 %= € 7.5 miljun.**

L-impatt ta' l-operazzjoni

Il-miżura proposta għandha tnaqqas sinifikament il-ħtieġa li oġġetti li ġew importati minn persuni privati li qed jivjaġġaw fil-Komunità jew li nbagħtu f’konsenji żgħar minn individwi privati f’pajjiż terz lil persuni privati fil-Komunità għal għanijiet mhux kummerċjali jiġu kklassifikati. Billi l-persuna li tiddikjara dawn l-oġġetti lid-dwana hija normalment obbligata li tikklassifika l-oġġetti importati skond id-dispożizzjonijiet tat-TDK u billi din il-klassifkazzjoni għandha tkun ikkontrollata mill-awtoritajiet tad-dwana, l-eliminazzjoni ta' din il-ħidma għal kważi l-każijiet involuti kollha, għandha tissimplifika b'mod sinifikanti u tħaffef il-proċess amministrattiv tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta’ l-oġġetti u b’hekk tagħmel l-approvazzjoni doganali aktar effiċjenti.